# STUDJI SOĊJALI

## Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

# IL-ĦAMES SENA

**Pjan ta' ħidma:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **ELECTIVE** | | | | |
| ***Elective topics*** | Agħżel TLIET (3) blokki minn Ċ5.2, Ċ5.3, Ġ5.2, Ġ5.3, S5.2, S5.3. | • **Ċ5.2** (*Ġimgħa fil-Ħajja Tiegħi*) li tinkludi: Ċ5.2.1, Ċ5.2.2, Ċ5.2.3, Ċ5.2.4 u Ċ5.2.5<br>• **Ċ5.3** (*Ejjew Nilgħabu*) li tinkludi: Ċ5.3.1, Ċ5.3.2, Ċ5.3.3, Ċ5.3.4, Ċ5.3.5<br>• **Ġ5.2** (*Ninvestigaw Pajjiż Barrani*) li tinkludi: Ġ5.2.1, Ġ5.2.2, Ġ5.2.3, Ġ5.2.4, Ġ5.2.5<br>• **Ġ5.3** (*Is-sajd u l-Akwakultura*) li tinkludi: Ġ5.3.1, Ġ5.3.2, Ġ5.3.3, Ġ5.3.4, Ġ5.3.5, Ġ5.3.6<br>• **S5.2** (*Mit-Tempji Preistoriċi għall-Katidrali*) S5.2.1, S5.2.2, S5.2.3, S5.2.4, S5.2.5<br>• **S5.3** (*Mill-Għerien għall-Iskyscrapers*) li tinkludi: S5.3.1, S5.3.2, S5.3.3, S5.3.4 | | |
| ***fieldwork obbligatorju*** | *ŻJARA F'RAĦAL TAS-SAJJIEDA b'referenza għat-Turiżmu u x-Xogħol*<br>*Il-fieldwork jifforma parti mill-assessjar kontinwu.* | | | |
| | | | | |
| **CORE** | | | | |
| | | | | |
| ***Core Topics*** | Tliet blokki li jsiru kollha | **Ċ5.1** (*Niċċelebraw*) Ċ5.1.1, Ċ5.1.2, Ċ5.1.3, Ċ5.1.4, Ċ5.1.5, | **Ġ5.1** (*It-Turiżmu u x-Xogħol*) Ġ5.1.1, Ġ5.1.2, Ġ5.1.3, Ġ5.1.4 | **S5.1** (*Il-Bliet il-Qodma*) li tinkludi S5.1.1, S5.1.2, S5.1.3, S5.1.4, S5.1.5 |
| ***proġett jew fieldwork*** | Ikun hemm għażla, **bejn:**<br>(a) proġett fejn tingħata għażla minn diversi temi **( jew)**<br>(b) fieldwork ieħor dwar *ŻJARA L-IMDINA, IL-BIRGU jew IĊ-ĊITTADELLA*<br>*Il-proġett jew it-tieni fieldwork jifforma parti mill-assessjar kontinwu.* | | | |
| | | | | |
| **RIŻORSI** – ikunu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/ u fuq il-Fronter SOCIAL STUDIES PRIMARY | | | | |
| | | | | |

# L-Istudji Soċjali għall-Primarja

| **Il-Ħames Sena Primarja IĊ-ĊIVIKA** | | |
|---|---|---|
| **Ċ5.1 Niċċelebraw**<br>**Miri**: *L-importanza taċ-ċelebrazzjonijiet f'ħajjitna. Nesploraw iċ-ċelebrazzjonijiet differenti li jsiru fid-djar tagħna, fl-iskola u fil-komunitajiet fejn ngħixu. L-avvenimenti nazzjonali li jfakkru lill-istudenti fil-wirt nazzjonali komuni tagħna l-Maltin.* | | |
| **kodiċi** | **ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| Ċ5.1.1 | Nidentifikaw iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali li niċċelebraw fid-djar tagħna | Mill-esperjenzi tal-istudenti nagħmlu lista taċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fid-djar tagħna: it-twelid ta' tarbija, preċett, griżma, għerusija, żwiġijiet, għeluq sninna (birthdays), anniversarji, meta xi membru tal-familja jagħmel suċċess, gradwazzjonijiet, bosta oħrajn.<br>Nirrakkuntaw dwar il-modi kif niċċelebraw dawn l-okkażjonijiet; kull familja għandha d-drawwiet u l-istil tagħha: ikla d-dar, ikliet barra, festini, safriet eċċ.<br>Liema mod jogħġobna l-iktar, u għaliex?<br>L-aspett soċjali taċ-ċelebrazzjonijiet – eż. kif il-qraba jiltaqgħu flimkien u jingħaqdu iktar bħala familja waħda kbira, naġġornaw l-aħbarijiet tal-familja, naqsmu l-ħsibijiet tagħna, eċċ. |
| Ċ5.1.2 | Għaliex iċ-ċelebrazzjonijiet huma importanti fil-ħajja tagħna | Insibu ritratti u *video clips* ta' ċelebrazzjonijiet diversi: meta tim jirbaħ kampjonat, nirbħu tellieqa jew kompetizzjoni, il-briju waqt il-festi, il-festi tal-gradwazzjoni, eċċ.<br>Għaliex nesprimu l-ferħ tagħna permezz taċ-ċelebrazzjonijiet? Għaliex ma nifirħux waħidna?<br>Meta tim jirbaħ, tim ieħor ikun tilef. Kif għandna nġibu ruħna mat-tim tellief?<br>Ma jistax jirbaħ kulħadd – allura kif għandna nġibu ruħna meta wara li għamilna li stajna, inkunu tlifna? |
| Ċ5.1.3 | Nidentifikaw iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali li jsiru fl-iskola tagħna | Insemmu okkażjonijiet meta l-iskola torganizza xi ċelebrazzjoni: Jum il-Premjazzjoni (Prize days / Celebration day/s), Eko Skola, l-għoti tal-Green Flag, għeluq snin l-istudenti, Jum il-Belt/Raħal tagħna, il-festa tar-raħal, xi qaddis/a għażiż għall-iskola, il-Milied, il-Karnival, eċċ..<br>Niddiskrivu ċ-ċelebrazzjonijiet: kif niċċelebraw u nesprimu l-ferħ tagħna<br>Niddiskutu kif iħossuhom l-istudenti: (a) waqt jum il-premjazzjoni (b) waqt iċ-ċelebrazzjoni nnifisha (c) wara ċ-ċelebrazzjoni<br>Niddiskutu 'għaliex' l-iskola torganizza dawk iċ-ċelebrazzjonijiet – il-ġid li joħroġ minnhom. |
| Ċ5.1.4 | Nidentifikaw u nesploraw ir-raġunijiet għala jsiru ċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali fil-komunità tagħna (il-belt | Liema huma ċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali tal-ibliet u l-irħula tagħna? (a) il-festa tar-raħal organizzata mill-knisja u l-każini tal-festa (b) Jum il-belt jew raħal tagħna organizzat mill-Kunsill Lokali.<br>Nidentifikaw flimkien mal-istudenti:<br>(a) x'uħud mill-attivitajiet li jsiru fiċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-festa tar-raħal, kemm fil-knisja kif ukoll |

| | | |
|---|---|---|
| | jew raħal tagħna) | fit-toroq u l-pjazez tagħna<br>(b) xi attivitajiet li jsiru marbuta ma' Jum il-Belt jew Raħal tagħna.<br>Niddiskutu għala t-turisti jieħdu gost jattendu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. |
| Ċ5.1.5 | Nesploraw l-importanza ta' ċelebrazzjoni nazzjonali waħda | Hemm festi li nistgħu ngħidu li aħna l-Maltin u l-Għawdxin niċċelebrawhom b'mod nazzjonali, jiġifieri il-Maltin u l-Għawdxin kollha flimkien:<br>• insemmu l-ħames festi nazzjonali: **Jum il-Ħelsien** (31 ta' Marzu), **is-Sette Giugno** (7 ta' Ġunju), **L-Otto Settembre** (8 ta' Settembru), **Jum l-Indipendenza** (21 ta' Settembru), **Jum ir-Repubblika** (13 ta' Diċembru).<br>• insemmu l-festi marbuta kemm mar-Reliġjon Nisranija kif ukoll ma' bosta tradizzjonijiet: il-Milied (25 ta' Diċembru), il-Festi tal-Għid (ninkludu l-Ġimgħa l-Kbira), San Pawl (l-10 ta' Frar) u Santa Marija (15 t'Awwissu), il-festa tar-raħal<br>• insemmu festa li magħha hemm marbuta bosta tradizzjonijiet, drawwiet u folklor: l-Imnarja (29 ta'Ġunju)<br>Niddiskutu kif dawn il-festi jaffettwaw lill-istudenti; nesploraw kemm fil-fatt l-istudenti jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta'dawn il-festi.<br>Għaliex fil-Festi Pubbliċi ma jkollniex skola u l-ħaddiema wkoll ikollhom vaganza?<br>Għaliex huma importanti dawn iċ-ċelebrazzjonijiet?<br>**Każ**: nieħdu bħala eżempju ta' festa nazzjonali u nitkellmu dwar it-8 ta' Settembu. Insemmu attivitajiet speċjali bħar-Regatta.<br>video: **IL-MONUMENT TAL-OTTO SETTEMBRE**: http://youtu.be/sIFrzN3370Y<br>N.B. *Din il-ħila għandha tiġi żviluppata mill-aspett tal-parteċipazzjoni fiċ-ċelebrazzjonijiet min-naħa tal-istudenti.* |

**Ċ5.2 Ġimgħa fil-Ħajja Tiegħi**

**Miri**: *Nesploraw u nifhmu id-differenza bejn:*
*(a) id-drittijiet u d-dmirijiet*
*(b) ix-xogħol u l-ħin liberu*
*(c) servizzi offruti mill-gvern bħall-edukazzjoni u s-saħħa*
*(d) edukazzjoni l-iskola u edukazzjoni fil-ħinijiet meta ma nkunux l-iskola*
*(e) il-kura u l-prevenzjoni tal-mard*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| Ċ5.2.1 | Inżommu djarju mifrux fuq sebat ijiem u fih nimmarkaw | L-istudenti jżommu djarju mifrux fuq sebat ijiem u fih iniżżlu lista/i tal-attivitajiet li għamlu – ninkludu l-attivitajiet kollha, anke bħal naraw T.V, nilgħabu fuq il-bandli, rqadna eċċ.. |

| | | |
|---|---|---|
| | b'simboli differenti<br>(a) xi attivitajiet li għamilna bħala **dmir** u oħrajn li ħadna bi **dritt**.<br>(b) ix-xogħol u l-ħin liberu | Nidentifikaw mil-listi tagħna, attivitajiet li għamilna u li nistgħu norbtuhom mad-drittijiet tagħna u oħrajn li jmorru iktar mad-dmirijiet tagħna. Eż. Kilna (dritt) u għenna fil-ħasil tal-platti (dmir). Insibu eżempji oħra.<br>Nippreżentaw permezz ta' grafika:<br>(a) kemm ħin għaddejna l-iskola, komparat mal-ħin barra mill-iskola<br>(b) ħin li għaddejna nilgħabu komparat ma' ħin li għaddejna naħdmu xogħol marbut mal-iskola<br>(c) il-ħin liberu, ħin importanti li fih l-istudent huwa mistenni li jorganizzah hu stess għalih innifsu<br><br>video clip: **DRITTIJIET U DMIRIJIET**: http://youtu.be/N9-L3Px_6pQ |
| Ċ5.2.2 | Nesploraw ir-relazzjoni bejn ix-xogħol u d-dmirijiet b'riferenza għall-ħajja tal-istudent | Nistgħu ngħidu li filwaqt li l-adulti jaħdmu/imorru għax-xogħol biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum u jkunu jistgħu jgħixu sew, ix-xogħol tal-istudenti huwa L-ISTUDJU.<br>Fil-każ tal-istudenti, x'inhi r-relazzjoni bejn L-ISTUDJU u X-XOGĦOL? Insibu similaritajiet; xi eżempji:<br>• kull xogħol fih it-tbatija – anke l-istudju fih is-sagrifiċċji marbuta miegħu<br>• fix-xogħol trid tasal fil-ħin – anke l-iskola hemm bżonn naslu fil-ħin<br>• fix-xogħol ma tistax ittellef, anzi trid taħdem f'timijiet – anke fl-istudju<br><br>Mil-lista ta' attivitajiet li għandna fid-djarju (Ċ5.2.1) nisiltu dawk li għandhom x'jaqsmu mal-istudju: tagħlim fil-klassi, il-qari, ix-xogħol tad-dar (*homework*), xogħol ta' riċerka, xogħol fuq proġetti edukattivi eċċ.. |
| Ċ5.2.3 | Nesploraw u niddiskutu d-dritt bażiku tal-Edukazzjoni li għandhom it-tfal tad-dinja kollha | Nikkwotaw Artiklu 26 fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem: KULĦADD GĦANDU DRITT GĦALL-EDUKAZZJONI; L-EDUKAZZJONI ELEMENTARI GĦANDHA TKUN BLA ĦLAS.<br>**Storja**: Madwar 200 sena ilu Malta kienet art maħkuma mill-Ingilterra. L-Ingliżi bagħtu wieħed jismu Sir Patrick Keenan biex jeżamina s-sitwazzjoni tal-litteriżmu fost il-Maltin u l-Għawdxin. Meta ngħidu 'bniedem litterat' nifhmu bniedem li jaf jaqra u jikteb. Keenan sab li 90% (9 minn kull 10) tal-Maltin kienu illitterati, jiġifieri la jafu jaqraw u lanqas jiktbu. Inqabblu dan kollu mas-sitwazzjoni tal-litteriżmu llum, meta nikkalkulaw li 90% tal-Maltin huma litterati, jafu jaqraw u jiktbu. Dan ġara bis-saħħa tal-EDUKAZZJONI.<br>Infittxu raġunijiet GĦALIEX l-edukazzjoni hija importanti ħafna għal kull bniedem.<br>Inqabblu bniedem edukat ma' bniedem injorant: eż. Bniedem litterat jista' jidħol fl-Internet u jsir jaf x'ġara kullimkien, jaqra ittra li tasallu d-dar.<br>**Każ**: Ngħidu l-istorja ta' Pietru li ma kienx jaf jaqra. Kien hemm tank issiġillat u fuqu kien hemm miktub biex ma tressaqx nar lejh. Pietru mar jiftaħ it-tank biċ-ċejser, iż-żejt qabad, inħolqot splużjoni u Pietru għamel 15-il- ġurnata l-isptar u miet. |
| Ċ5.2.4 | Nesploraw il-mixja edukattiva tipika għall-istudent Malti | Nagħmlu ċart bil-mixja edukattiva ta' kull student; niktbu sentenza fuq kull kategorija:<br>• il-Kindergarten – nilgħabu, inkantaw u niskopru lil sħabna |

| | | |
|---|---|---|
| | | • il-Primarja – sa 11-il sena, insibu skola primarja f'kull belt jew raħal<br>• is-Sekondarja – immorru l-iskola barra mill-belt jew raħal tagħna, nistudjaw ħafna suġġetti differenti<br>• Post-Sekondarja (Junior College, Sixth Form)<br>• Edukazzjoni Terzjarja (l-Università, l-MCAST)<br>Noħolqu stejjer differenti bi studenti fittizji (a) tal-Kinder, (b) tas-Snin Bikrin u (c) tal-Primarja Kbar.<br>Nesploraw xi fatturi li jistgħu jgħinuna nagħmlu progress u oħrajn li jistgħu jżommuna lura. |
| Ċ5.2.5 | Nikklassifikaw u nagħmlu differenza bejn l-attivitajiet li jżommuna f'saħħitna u dawk li jitfgħulna saħħitna lura | Mil-lista ta' Ċ5.2.1 naraw liema attivitajiet kellhom x'jaqsmu ma' saħħitna; meta kilna, jekk kilna tajjeb, għamilna tajjeb għal saħħitna. Meta qgħadna ħin żejjed quddiem il-kompjuter għamilna ħażin għal saħħitna. Każ: Is-Sur Agius tant iħobbha lit-tifla tiegħu Rita, li dejjem jipprova ma jħallihiex tbati għalxejn. Iwassalha kull fejn ikollha bżonn. Fil-weekend ma jkunx jixtieqha toħroġ tilgħab ma' sħabha fil-ġnien tal-bandli għax jibża' li tweġġa'. Rita mhux qed tgħix ħajja f'saħħitha, meta titla' taraġ diġà qed tonfoħ iżżejjed avolja għadha żgħira.<br>(a) **Kif ngħixu f'saħħitna**: eż. sports, fejn hu possibbli mmorru bil-mixi, insuqu r-rota, ngħumu, ikollna ħafna attivitajiet, camping, ma nieklux ħelu żejjed, dieta bilanċjata<br>(b) **Kif saħħitna tista' tmur lura**: eż. ħinijiet twal quddiem it-televiżjoni jew quddiem il-kompjuter, nuqqas ta' eżerċizzju, ikel mimli xaħmijiet (*fast foods*) u ħelu żejjed, vittmi ta' *bullying* serju u ma nitkellmux, eċċ..<br>Niddiskutu il-kura li nistgħu nfittxu li nieħdu meta nimirdu u kif nistgħu nevitaw li nimirdu (il-prevenzjoni tal-mard). |

**Ċ5.3 Nilgħabu**

**Miri**: *Nifhmu l-importanza f'ħajjitna li għandu l-logħob: nagħmlu referenza kemm għal-logħob li nilgħabu barra kif ukoll dak li nilgħabu ġewwa; l-importanza tal-aspett soċjali li għandu l-logħob, il-benefiċċji li fih u l-aspett globali tiegħu. Nagħrfu l-logħob l-iktar popolari magħna l-Maltin; nesploraw xi logħob tradizzjonali Malti.*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| Ċ5.3.1 | Nidentifikaw il-logħob ta' barra u l-logħob ta' ġewwa li jħobbu jilgħabu l-istudenti tagħna | Nidentifikaw logħob li jħobbu jilgħabu l-istudenti. Nagħmlu lista tal-iktar logħob popolari mat-tfal.<br>Nirriċerkaw ftit informazzjoni bażika dwar il-logħob li semmejna.<br>Nikklassifikaw il-logħob li semmejna f'diversi kategoriji, eż.<br>• (a) logħob ta' barra (b) logħob ta' ġewwa<br>• (a) logħob li fih neżerċitaw ħafna ġisimna (b) logħob li nilgħabu bilqiegħda<br>• (a) logħob ta' taħbil il-moħħ (b) logħob li fih ħafna rutina |
| Ċ5.3.2 | Nirriċerkaw dwar il-Logħob | Nagħmlu riċerka ħafifa dwar il-Logħob Olimpiku; infittxu dwar il-bidu tiegħu fil-Greċja tal-Qedem, naraw kif |

| | | |
|---|---|---|
| | Olimpiku | waqaf u llum reġa' qiegħed isir kull 4 snin.<br>Diskussjoni: nifhmu kif l-organizzazzjoni tal-Logħob Olimpiku titlob flejjes kbar; fl-istess waqt il-logħob iġib ħafna kummerċ lejn il-pajjiż li jkun qed jorganizza.<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5) *Il-Logħob Olimpiku***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5) *Il-Logħob Olimpiku Modern***<br>N.B. *Fl-iżvilupp ta' din il-ħila huwa tajjeb illi nħallu lill-istudenti jirriċerkaw dwar il-Logħob Olimpiku skont l-interess illi juru huma. Però għal-skopijiet ta' assessjar kemm ta' nofs is-sena kif ukoll dak annwal, m'għandhomx jingħataw mistoqsijiet li jmorru lil hinn mill-kontenut li jinsab fil-worksheet Ċ5.3.2* |
| Ċ5.3.3 | Nagħmlu differenza bejn il-logħob li nsegwu fuq il-*mass media* u l-logħob li nipprattikaw aħna | Nirrealizzaw kif meta l-poplu jkun sportiv, il-pajjiż jonfoq inqas flus fuq il-mard. L-obesità hija ħażina għall-individwu kif ukoll għandha l-aspett soċjali tagħha.<br>Insemmu eżempji prattiċi kif meta noqogħdu lura mill-isports, inkunu qegħdin nagħmlu ħsara kbira lil saħħitna, eż. dejjem bilqiegħda, ma niġru qatt, ma nimxu qatt, kullimkien iwassluna, bil-brejks ma nilgħabux jew nilgħabu biss bit-tablet, eċċ.. |
| Ċ5.3.4 | l-istudenti jisimgħu bil-logħob tradizzjonali Malti u jiskopru mill-ġdid żewġ logħbiet tradizzjonali Maltin. | Nitgħallmu tliet għanjiet:<br>• **IL-PUPA TIEGĦI** – (http://youtu.be/xS50ASr67xg)<br>• **IĊ-ĊIRKU** – (http://youtu.be/_ryc3CcuP0M)<br>• **DAWRA DURELLA** – (http://youtu.be/nYMuvGAK1_U)<br>L-għanjiet jirreferu għal tliet logħbiet tradizzjonali Maltin.<br>Nagħmlu riċerka fuq l-Internet u nużaw l-esperjenzi tal-istudenti stess biex niskopru logħob tradizzjonali li t-tfal Maltin kienu jilgħabu fl-antik.<br>Eżempji ta' logħob tradizzjonali: il-Passju, Iż-Żunżana Ddur Iddur, Noli, logħob biż-żibeġ u l-boċċi, ix-Xixu, iċ-Ċirku, il-Ħarba, il-Qbiż bil-Ħabel, Gwerra Franċiża, it-Tajra, Ħaġa Moħġaġa, il-lastiku, Bumm Bumm il-Bieb, il-Bżieżaq tas-Sapun, Iż-Żugraga, Taż-Żiemel, il-Karretta u l-Iskuter, il-Pupa<br>Naraw il-video: http://youtu.be/ylbIuLwuI8w (hawn jissemmew il-biċċa l-kbira ta' dan il-logħob)<br>Għaliex dan il-logħob kien popolari ħafna iktar fil-passat milli llum?<br>Ninżlu fil-bitħa u nipprattikaw żewġ logħbiet: (a) il-passju (b) il-qbiż tal-ħabel |
| Ċ5.3.5 | Nidentifikaw xi benefiċċji li nistgħu nakkwistaw permezz tal-logħob | M'hemmx dubju illi l-logħob in ġenerali fih benefiċċji kbar għall-bniedem. Nesploraw kif il-logħob jista' jkun ta' benefiċċju għalina:<br>• Il-mistrieħ – il-logħob iserraħna<br>• l-aspett edukattiv – permezz tal-logħob nistgħu nitgħallmu ħafna, nitgħallmu nitilfu u nibqgħu ħbieb, nitgħallmu nħaddmu moħħna biex nirbħu u naħdmu flimkien bħala tim.<br>• l-eċċitament – xi ħaġa tedjanti, tista' ssir interessanti jekk ippreżentata forma ta' logħba |

| | | |
|---|---|---|
| | | • l-aspett soċjali – waqt il-logħob nistgħu nagħmlu ħafna ħbieb ġodda, nitgħallmu niġbu ħabel wieħed mat-tim tagħna, ġieli tfal miġġildin waqt il-logħob jagħmlu ħbieb<br>• l-eżerċizzju – il-logħob jgħinna ngħixu f'saħħitna billi nħaddmu l-muskoli tagħna u neżerċitaw ruħna |
| | | |

**Il-Ħames Sena Primarja IL-ĠEOGRAFIJA**

**Ġ5.1 It-Turiżmu u x-Xogħol**

**Mira ta' Tagħlim**: *Nifhmu għaliex it-turiżmu huma importanti għal pajjiżna; il-postijiet tax-xogħol li huma relatati direttament mat-turiżmu* (*gwidi, aġenziji tal-ivvjaġġar*) *u dawk li huma relatati indirettament mat-turiżmu* (*sajd, biedja, servizzi*)*. Nesploraw modi l-istudenti nfushom, kif ukoll il-belt jew raħal fejn joqogħdu jistgħu jgħinu lill-industrija tat-turiżmu. Nippreparaw ruħna għat-turiżmu – The Institute of Tourism Studies (ITS).*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| Ġ5.1.1 | Niddiskutu għaliex it-turiżmu huwa importanti għalina l-Maltin | • **introduzzjoni** – bħala introduzzjoni naraw il-video clip: **IT-TURIŻMU**: http://youtu.be/Y9LMs7w3wvQ (13-il minuta)<br>• **importanza** – insemmu modi kif meta jiġu t-turisti, dawn ikunu ta' ġid għalina l-Maltin u l-Għawdxin, eż. jonfqu l-flus hawn, jinħolqu iktar impjiegi (jobs), eċċ..<br>• **minn fejn jiġu** – nagħmlu riċerka ħafifa biex niskopru minn liema pajjiżi jiġu l-iktar turisti |
| Ġ5.1.2 | Nidentifikaw xogħlijiet (*jobs*) marbuta direttament u indirettament mat-turiżmu | Nitkellmu dwar ix-xogħol fejn jingħata servizz, eż. wejter jagħti servizz lil min imur fir-ristorant, kaxxier fil-bank isarraf il-flus, eċċ..<br>• **mpjiegi marbuta direttament mat-turiżmu** – insemmu diversi xogħlijiet li jsiru fil-lukandi u r-ristoranti, gwidi, xufiera tat-taxis u l-kowċis<br>• **mpjiegi marbuta indirettament mat-turiżmu** – ħaddiema tal-banek, bdiewa li jkabbru prodotti għar-ristoranti, mastrudaxxi li jsewwu l-għamara tal-lukandi, bajjada li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lukandi u flettijiet mikrija lit-turisti, sidien ta' flettijiet li jikru l-propjetajiet tagħhom lit-turisti<br>Nifhmu kif ix-xogħol huwa importanti mmens għal kull pajjiż. Għalhekk it-turiżmu jgħin biex aħna nkunu nistgħu naqalgħu x'nieklu.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5) *Impjiegi Marbutin mat-Turiżmu*** |
| Ġ5.1.3 | Nidentifikaw modi kif aħna l-istudenti nistgħu niġbdu iktar turisti lejn pajjiżna | Meta nitkellmu dwar it-turiżmu, hemm dak li jista' jagħmel il-gvern, dak li jistgħu jagħmlu l-adulti u dak li jistgħu jagħmlu l-istudenti. Kif jistgħu l-istudenti jgħinu biex iktar turisti jitħajru jżuru l-gżejjer tagħna? Xi eżempji li nistgħu niddiskutu flimkien:<br>• Naraw minn liema pajjiżi jiġu l-iktar it-turisti, u nistudjaw il-lingwi tagħhom<br>• Nitgħallmu l-Ingliż sew għax il-maġġoranza tat-turisti jikkomunikaw tajjeb magħna bl-Ingliż |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fl-iskejjel, u speċjalment fl-ITS, nitgħallmu kif nipprovdu s-servizzi tagħna lit-turisti bil-ħlewwa u bil-kortesija<br>• Nitħarrġu sew fl-istorja ta' pajjiżna; Malta għandna t-tempji megalitiċi u l-Ipoġew li nbnew qabel il-Piramidi tal-Eġittu biex inkunu nistgħu nispjegaw u nagħtu informazzjoni lit-turisti fuq pajjiżna.<br>• Nitgħallmu dwar it-tliet World Heritage Sites: l-Ipoġew, it-Tempji u l-Belt Valletta<br>• Nidraw il-kortesija – ma ninsewx li kull turist imur lura pajjiżu u żgur se jirrakkonta kollox fuqna; jekk ikollu esperjenza sabiħa se jħajjar turisti oħra jiġu Malta.<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Kif Nistgħu Ngħinu l-Industrija tat-Turiżmu***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***It-Turiżmu, Ejjew Nagħtu Daqqa t'Id*** |
| Ġ5.1.4 | Għalfejn jiġu t-turisti | Ninqasmu fi gruppi u kull grupp jipprova juża l-esperjenza tiegħu biex isib ir-raġunijiet għaliex fil-verità it-turisti jiġu jqattgħu l-btajjel tagħhom f'Malta. Nissuġġerixxu li kull grupp imbagħad jirrapporta lill-klassi dak li jkun ikkonkluda. Kull punt għandu jiġi kkummentat mill-istudenti f'sessjoni ta' dibattitu. Fl-aħħar kull raġuni msemmija tingħata marka minn 10 skont l-importanza li l-istudenti jħossu li għandha tingħata. Xi punti li jistgħu jissemmew:<br>• ix-xemx (nitkellmu dwar il-perikli li fiha wkoll) / temp/ klima Mediterranja<br>• il-baħar ta' madwarna (ninkludu l-għawm, id-*diving*, l-isports tal-baħar bħal *windsufing* u *skiing*)<br>• l-istorja – kull pakkett turistiku ma jistax iħalli barra l-istorja ta' pajjiżna<br>• postijiet ta' divertiment u mistrieħ<br>• il-festi bil-baned u l-logħob tan-nar li norganizzaw<br>• il-fatt li bosta Maltin minn meta jkunu żgħar jikkomunikaw tajjeb ħafna bl-Ingliż<br><br>L-istess gruppi mbagħad jiddiskutu x'għandha tkun l-attitudni tal-Maltin u l-Għawdxin biex inħajru iktar turisti jiġu Malta. Xi punti li jistgħu jissemmew:<br>• kumdità biex jivvjaġġaw minn post għal ieħor<br>• imġiba tajba<br>• servizzi tajba u mingħajr ħela ta' żmien<br>• indafa fil-lukandi, fil-ħwienet, postijiet ta' divertiment u fit-toroq u postijiet pubbliċi kollha<br>• prezzijiet ġusti fil-ħwienet kollha<br>• tabelli ċari li jwassluk fid-destinazzjoni bla tfixkil u ħela ta' żmien |
| | | |

| **Ġ5.2 Ninvestigaw pajjiż barrani**<br>**Mira ta' Tagħlim**: *inqabblu pajjiż barrani mal-Gżejjer Maltin; nidentifikaw similaritajiet u differenzi bejniethom; referenza għall-karatteristiċi ewlenin u l-element uman fiż-żewġ pajjiżi.* | | |
|---|---|---|
| **kodiċi** | **ħiliet** | **suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet** |
| Ġ5.2.1 | Permezz tal-internet ninvestigaw pajjiż barrani tal-għażla tal-istudenti | Hawnhekk għandna diversi modi kif nistgħu nagħmlu ftit riċerka bażika ta' pajjiż barrani. Nistgħu naħdmu individwalment, fi gruppi jew bħala klassi. L-għażla hija f'idejn l-għalliem wara li jara x'jixtiequ t-tfal. Tkun idea tajba kieku r-riċerka ssir mill-istudenti d-dar imbagħad tiġi diskussa fil-klassi.<br>Fi kwalunkwe każ l-idea prinċipali li trid toħroġ minn din l-ewwel ħila hija li nagħrfu li d-dinja ma tikkonsistix biss fid-dar tagħna, ir-raħal jew belt tagħna jew pajjiżna biss. Id-dinja hija ikbar imma llum nistgħu nakkwistaw ħafna informazzjoni fuq il-pajjiżi l-oħra permezz tal-Internet.<br>F'dan l-ewwel pass, l-informazzjoni għandna nħalluha skont kif insibuha; l-organizzazzjoni tal-informazzjoni jkun il-pass li jmiss f'Ġ5.2.2.<br>Nippruvaw insibu kapxins li jesprimu din l-idea, i.e. is-sens globali tagħna llum |
| Ġ5.2.2 | Norganizzaw l-informazzjoni miġbura | Mill-informazzjoni miġbura f'Ġ5.2.1 noħolqu klassifikazzjonijiet u temi. Dejjem għandna niktbu mqar sentenza li tesprimi t-tema li nkunu qed niddiskutu. Xi eżempji:<br>• **il-poplu** – Kemm hija kbira l-popolazzjoni? Kif jilbsu n-nies ta' dal-pajjiż? Il-lingwa jew lingwi li jitkellmu n-nies ta' dal-pajjiż<br>• **il-pajjiż** – F'liema kontinent jinsab? Il-belt kapitali u bliet oħra importanti<br>• **ir-reliġjon** – liema reliġjon iħaddnu l-maġġoranza tan-nies<br>• **is-simboli** – Il-bandiera nazzjonali, hemm xi simbolu jew simboli nazzjonali, jiġifieri meta tara lilhom żgur tiftakar f'dal-pajjiż?<br>• **il-ġeografija** – il-mappa tiegħu, il-klima<br>• **informazzjoni oħra li tista' tinteressana** – it-tim tal-futbol, taf b'xi sports li f'dal-pajjiż huma popolari iktar minn oħrajn?<br>• **It-turiżmu** – iżuruh xejn nies dal-pajjiż? Meta jżuruh, x'iħobbu jmorru jaraw l-iktar? għal xiex inhu magħruf dal-pajjiż?<br>• **karatteristiċi** – muntanji, xmajjar, xtut imrammla, eċċ….. |
| Ġ5.2.3 | Inqabblu l-pajjiż li għażilna mal-Gżejjer Maltin | Noħolqu paraguni (similaritajiet) u kuntrasti (differenzi) bejn il-Gżejjer Maltin u l-pajjiż li qed ninvestigaw. Norganizzaw dan l-eżerċizzju b'xi mod attraenti, pereżempju b'żewġ kolonni ta' informazjoni taħt il-bnadar nazzjonali. Nistgħu pereżempju nqabblu:<br>• **il-lingwi** – nagħtu eżempji ta' kliem ħafif biż-żewġ lingwi, insibu clips mill-You-Tube biex nisimgħu kif tinstema' l-lingwa tal-pajjiż, eċċ. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • **il-ġeografija** – insibu muntanji? F'Malta le. Insibu xmajjar? F'Malta ma nsibux, eċċ.. Insibu stampi u nuru video clips biex inqabbluhom ma' xeni u video clips minn Malta.<br>• **il-popolazzjonijiet** – f'dan il-pajjiż joqogħdu kemm joqogħdu nies? Fil-Gżejjer Maltin jgħixu inqas minn nofs miljun ruħ. Nifhmu iktar il-paragun jekk nispjegawh permezz ta' grafika.<br>• **il-bliet kapitali** – inqabblu l-ismijiet, kemm jgħixu nies fihom, l-attrazzjonijiet, it-timijiet tal-futbol eċċ..<br>• **it-temp u l-klima** – jagħmel silġ? Is-sajf kemm titla' t-temperatura?<br>N.B. M'hemmx għalfejn niżviluppaw it-temi kollha, l-importanti li noħorġu l-paragun b'mod li jinftiehem u jkun apprezzat mill-istudenti; nipproċessaw ir-riċerka tagħna biex noħorġu l-idea li anke fiċ-ċokon tagħna, aħna għandna wkoll identità li għandna nibżgħu għaliha.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Qabbel il-Klima tal-Gżejjer Maltin ma' dik ta' Pajjiżi Oħra*** |
| Ġ5.2.4 | Inqabblu l-istili ta' ħajja tan-nies tal-pajjiż barrani mal-istili ta' ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi | X'inhu l-iskop illi nqabblu diversi aspetti ta' żewġ pajjiżi? L-iskop huwa li niskopru u nesploraw b'għajnejn differenti minn tas-soltu. Hawnhekk issibu biss xi ftit ideat. Inħallu f'idejn l-għalliema u l-istudenti isibu modi kif iqabblu l-Gżejjer Maltin ma' pajjiż barrani, u fil-proċess jiskopru s-sabiħ taż-żewġ pajjiżi.<br>• Nisimgħu kanzunetta mill-pajjiż li qegħdin nirriċerkaw dwaru (uża l-YouTube); wara mbagħad nisimgħu kanzunetta Maltija, MILL-GĦAJNEJN TA' TIFLA ta' Corazon: http://youtu.be/FvEUK-6aAYw<br>• Inqabblu stampi<br>• Inqabblu xi sports<br>• Inqabblu l-postijiet ta' nteress li jħobbu jżuru t-turisti fiż-żewġ pajjiżi<br>• Inqabblu iktar mużika, pereżempju xi kunċert tal-MPO Eż. http://youtu.be/-UVJW2Ojigg ma' biċċa mużika mill-orkestra tal-pajjiż l-ieħor, eż. http://youtu.be/mJ_fkw5j-t0<br>N.B. M'hemmx għalfejn nużaw il-paraguni kollha msemmija hawn; l-iskop huwa biss illi n-nies tal-pajjiżi kollha għandhom it-talenti u l-kapaċitajiet tagħhom. |
| Ġ5.2.5 | Nikkomparaw iż-żewġ pajjiżi permezz ta' kitba fittizja | Nistiednu lill-istudent biex jużaw ir-riċerka li saret fuq il-pajjiż li nvestigajna biex joħolqu kitba fittizja (fiction) li toffri biċċa qari pjaċevoli, għall-gost. Xi eżempji ta' x'nistgħu nagħmlu:<br>• **Djalogu** – diskursata qasira bejn karattru Malti u karattru mill-pajjiż li nvestigajna<br>• **E-Mails** – skambju ta' żewġ emails bejn tifel Malti u ieħor mill-pajjiż li nvestigajna<br>• **Telefonata** – oħloq konversazzjoni bejn żewġ persuni miż-żewġ pajjiżi<br>• **Skype** – kollegament bl-iSkype bejn żewġ klassijiet tal-iskola li ġejjin miż-żewġ pajjiżi; waqt il-kollegament l-istudenti jitkellmu dwar il-pajjiż rispettiv tagħhom |
| | | |

**Ġ5.3 Is-Sajd u l-Akkwakultura**

**Mira ta' Tagħlim**: *Nirriċerkaw dwar is-sajd bħala mezz ta' għixien għal diversi ħaddiema Maltin b'referenza speċjali għas-sajd għal-lampuki. Id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom is-sajjied Malti. Is-sajd bħala passatemp. L-Akkwakultura bħala metodu differenti kif jitrabba l-ħut b'referenza speċjali għall-awrata.*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| Ġ5.3.1 | Is-sajd u l-inġenji tal-baħar li jintużaw għas-sajd | Bħala introduzzjoni naraw il-preżentazzjoni powerpoint: http://www.authorstream.com/Presentation/tonypace-310431-sajd-part-1-marouska-mamo-fgura-pr-primary-entertainment-ppt-powerpoint/<br>Nispjegaw x'inhu sajjied *full-time* u x'inhu sajjied *part-time*.<br>Nirriċerkaw dwar is-sajjieda *full-time* u n-numru ikbar ta' sajjieda *part-time* li għandna fil-Gżejjer Maltin.<br>Wieħed irid jifhem li dawn huma numri żgħar ħafna meta nqabbluhom pereżempju man-nies li joffru servizzi lit-turisti. Fil-fatt, bdiewa u sajjieda flimkien għandna biss madwar 2000 ruħ.<br>L-opri tal-baħar l-iktar komuni mas-sajjieda Maltin huma l-**luzzu** u l-**kajjikk**. Il-kajjikk ikollu l-poppa ċatta filwaqt li l-luzzu jkollu l-poppa ġejja għall-ponta. Insibu stampi.<br>Illum is-sajjieda saru iktar moderni, u saru jarmaw għas-sajd b'xi **lanċa** (lanċa hija ikbar minn luzzu) jew b'xi **skuna**, li hija speċi ta' lanċa kbira.<br>Għar-riċerka nużaw is-sit: http://www.nso.gov.mt – l-istudenti jistgħu jingħataw din ir-riċerka bħala xogħol għad-dar, imbagħad iġibu magħhom statistika li jaraw huma liema tkun interessanti u liema le.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5) *Is-Sajd għal-Lampuki*** |
| Ġ5.3.2 | Nesploraw xi diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom is-sajjieda | • Ara l-preżentazzjoni: http://www.authorstream.com/Presentation/tonypace-310433-edward-micallef-rabat-primary-entertainment-ppt-powerpoint/<br>• Intervista ma' sajjied: http://youtu.be/8LKsYCZfO0Y<br>Naraw kif il-ħajja tas-sajjied hi marbuta ma' ħinijiet flessibbli, ikkundizzjonati ħafna mill-elementi naturali, l-aktar ma' staġuni tal-ħut u fenomeni marbuta mat-temp. Xi punti li nistgħu niddiskutu:<br>• Taħseb li jaqbillek tkun sajjied full-time jew part-time?<br>• X'taħseb li joqgħod jagħmel sajjied full-time meta ma jkunx l-istaġun tal-ħut?<br>• Il-ħajja tas-sajjied hija waħda iebsa. Għaliex?<br>• Kif u għaliex l-elementi jaffettwaw il-ħajja tas-sajjied? (Elementi: riħ, xita, xemx eċċ.)<br>Tista' ssir xi intervista ma' sajjied biex joħorġu dawn il-punti minn fomm sajjied stess.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5) *Intervista ma' Sajjied*** |
| Ġ5.3.3 | Is-sajd għal-lampuki | Din it-tema għandha tkun mgħallma mingħajr dettalji żejda dwar kif isir is-sajd għal-lampuki. B'mod ġenerali t-tfal jitgħallmu l-aktar dwar il-metodi tar-rixa u taċ-ċimi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Nippruvaw norganizzaw lezzjoni ħajja, pereżempju fuq dawn il-linji:<br>Masu, sajjied, se joħroġ għal-lampuki ..........<br>(a) **preparamenti** – jiċċekkja r-rapport tat-temp, jipprepara x-xbieki, jixtri d-disil, jiċċekkja l-magna tal-luzzu, isib min se jgħinu, jieħu l-ikel miegħu, eċċ..<br>(b) **il-vjaġġ** – jiċċekkja li jmur fejn ikunu tawh il-permess, joħroġ il-barra ħafna<br>(c) **is-sajda** – jitfa' l-palm ħalli l-lampuki jiġu taħtu għad-dell, jitfa' x-xbieki, jitfa' l-għalf biex il-ħut jiġi għall-ikel, itella' x-xbieki, jerġa' jitfa', eċċ.<br>(d) **il**-vjaġġ lura u l-bejgħ – meta jasal lura, biċċa mill-ħut iħallih biex tbiegħu il-mara tiegħu fuq il-monti l-Ħadd, biċċa jieħdu ħanut tal-ħut u l-kumplament il-pixkerija. |
| Ġ5.3.4 | L-irħula fil-Gżejjer Maltin marbuta mas-sajd | Insibu fuq mappa tal-Gżejjer Maltin l-irħula u l-postijiet li ġejjin: Marsaxlokk, Marsalforn, id-Dwejra, San Ġiljan, Birżebbuġa, Wied iż-Żurrieq.<br>Naraw għaliex dawn huma l-iktar postijiet popolari fejn wieħed jaqbillu jarma għas-sajd.<br>Nibnu preżentazzjoni bi stampi relevanti tax-xeni f'dawn l-irħula bl-opri tal-baħar. |
| Ġ5.3.5 | Is-sajd bil-qasba u b'opri żgħar tal-baħar bħala passatemp | Nitgħallmu l-kanzunetta: KEMM NIXTIEQ KELLI – http://youtu.be/1nmqK3Hef9I<br>Naraw mill-esperjenza tal-istudenti stess, kemm hija mifruxa fostna l-Maltin l-attività tas-sajd bil-qasba bħala passatemp. Xi punti li nistgħu naħsbu fuqhom:<br>• Kemm hawn min ġieli mar jistad bil-qasba?<br>• Kemm hawn min ħareġ jistad b'xi dgħajsa żgħira?<br>• Min għandu qraba u ħbieb li jmorru jistadu?<br>• Liema postijiet huma popolari mas-sajjieda bil-qasba?<br>• Il-metodu tan-nases imdendla minn fuq xi rdum, kemm hu popolari? |
| Ġ5.3.6 | l-akwakultura | • nirriċerkaw dwar il-vantaġġi li dal-metodu ta' sajd fih fuq il-metodi l-oħra tradizzjonali;<br>• ix-xogħol ewlieni li jsir fiċ-Ċentri tal-Akwakultura li għandna f'pajjiżna;<br>• nirriċerkaw dwar il-ħuta tal-awrata li titkabbar fil-fish-farms li għandna fl-ibħra ta' madwarna<br><br>http://www.authorstream.com/Presentation/tonypace-310437-akwakultura-diane-camilleri-naxxar-primary-entertainment-ppt-powerpoint/<br>http://www.authorstream.com/Presentation/tonypace-310434-akwakultura-malta-msida-entertainment-ppt-powerpoint/<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***L-Akwakultura – Liema Ħut Jitrabba fl-Irziezet tal-Ħut?*** |
| | | |

## Il-Ħames Sena Primarja L-ISTORJA

**S5.1 Il-Bliet Qodma**

**MIRI TA' TAGĦLIM**: *Nesploraw l-importanza li kellhom fil-passat u l-importanza li għad baqgħalhom illum il-bliet qodma tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| S5.1.1 | Nagħrfu fejn jiġu fuq mappa l-bliet il-qodma tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella; insibu evidenza tal-importanza strateġika li kellhom dawn il-bliet qodma fil-passat | Importanti li l-istudenti jkunu kapaċi:<br>(a) jidentifikaw il-bliet qodma tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella fuq mappa tal-Gżejjer Maltin<br>(b) ipoġġu l-istess bliet fuq mappa vojta tal-Gżejjer Maltin<br>Għandha ssir diskussjoni ħafifa dwar il-pożizzjoni strateġika tagħhom. Jifhmu l-pożizzjoni strateġika tagħhom fil-passat u l-importanza tagħhom matul iż-żmien. L-istudenti għandhom ikunu jafu li:<br>• L-Imdina kienet qiegħda f'pożizzjoni tajba billi kienet imdawra mis-swar u mibnija f'post għoli f'nofs il-gżira ta' Malta u għalhekk imbiegħda mix-xtut.<br>• Fil-Birgu kien hemm il-Kastell ta' Sant' Anglu li kien il-fortifikazzjoni prinċipali madwar il-Port il-Kbir fiż-żminijiet medjevali.<br>• Iċ-Ċittadella kienet il-fortifikazzjoni t'Għawdex billi kienet mibnija fil-għoli f'nofs il-gżira u pjuttost il' bogħod mill-baħar<br><br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***L-Importanza tal-Qagħda Strateġika tal-Imdina fil-Passat***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Il-Qagħda Strateġika tal-Birgu fil-Passat***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Il-Qagħda Strateġika taċ-Ċittadella fil-Passat*** |
| S5.1.2 | Nidentifikaw aspetti li nbidlu u oħrajn li baqgħu l-istess fil-bliet il-qodma | Jifhmu dak li tbiddel u dak li baqa' l-istess f'dawn il-bliet; jifhmu li, minkejja t-tibdil li sar matul iż-żmien, il-karatteristiċi prinċipali bħas-swar u t-toroq dojoq li jgħaqqduhom baqgħu l-istess.<br>**(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Nagħrfu l-Bidliet li Saru fl-Imdina Tul is-Snin*** |
| S5.1.3 | Nagħrfu l-postijiet ta' nteress li nsibu fil-bliet il-qodma | L-istudenti għandhom ikunu jafu fuq il-postijiet ta' importanza storika li jinsabu f'dawn l-ibliet. Huma għandu jkollhom tagħrif ġenerali u jkunu konxji tal-postijiet prinċipali u l-karatteristiċi ta' dawn il-postijiet.<br>▪ **l-Imdina**: is-swar, it-toroq dojoq, il-Bieb Prinċipali (bit-tliet statwi fuq wara), it-Torri tal-Istandard (illum Uffiċċju ta' Informazzjoni tat-Turisti), Palazzo De Vilhena (illum Mużew tal-Istorja Naturali), il-Katidral, il-Mużew tal-Katidral, il-Knisja Tal-Karmnu, Palazzo Falson, Bieb il-Griegi, il-foss<br>▪ **il-Birgu**: is-swar, it-toroq dojoq, il-Kastell Sant' Anġlu, il-Manderaggio, il-Knisja ta' San Lawrenz, il-Palazz tal-Inkwiżitur, Il-Collachio bis-Sagra Infermerija (l-isptar) u t-tmien bereġ, il-Couvre Porte, il-Bieb Prinċipali |

| | | |
|---|---|---|
| | | l-antik, Misraħ ir-Rebħa u l-Istatwa tal-Vitorja, il-Monument tal-Ħelsien<br>▪ **iċ-Ċittadella**: is-swar, it-toroq dojoq, il-Katidral, il-Bini tal-Qorti, il-Palazz tal-Isqof, il-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Mużew tal-Katidral, il-Mużew tal-Folklor, il-Mużew tal-Istorja Naturali, il-Ħabs il-Qadim, it-Torri tal-Arloġġ<br><br>**Riżorsi**:<br>• video: **IĊ-ĊITTADELLA, L-EWWEL PARTI**: http://youtu.be/NpkRLCTFnQM<br>• video: **IĊ-ĊITTADELLA, IT-TIENI PARTI**: http://youtu.be/afsEVZ0vV4o<br>• video: **L-IMDINA, L-EWWEL PARTI**: http://youtu.be/0Unkki8zUxY<br>• video: **L-IMDINA, IT-TIENI PARTI**: http://youtu.be/IRER0m7L_Nc<br>• video: **IL-BIRGU, L-EWWEL PARTI**: http://youtu.be/WFUCyyLxOJ0<br>• video: **IL-BIRGU, IT-TIENI PARTI**: http://youtu.be/4lbha2sfUdE<br><br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Is-Siti Storiċi fil-Birgu***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Is-Siti Storiċi fl-Imdina***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Is-Siti Storiċi fiċ-Ċittadella***<br><br>N.B. *Għal-skopijiet ta' assessjar kemm ta' nofs is-sena kif ukoll dak annwal, m'għandhomx jingħataw mistoqsijiet li jmorru lil hinn mill-kontenut li jinsab fil-worksheet S5.1.3* |
| S5.1.4 | Nesploraw mill-inqas belt qadima waħda permezz ta' *fieldwork trip* u fil-proċess nippruvaw nimmaġinaw kif kienet il-ħajja f'dawk iż-żminijiet medjevali | Ikollhom esperjenza personali ta' xi waħda minn dawn l-ibliet u jippruvaw jimmaġinaw kif setgħet kienet il-ħajja tal-individwi f'dak iż-żmien; għandhom jagħmlu xi żjara lil xi waħda mill-ibliet il-qodma ta' Malta u b'hekk jakkwistaw esperjenza iżjed ħajja u personali.<br><br>Meta nkunu fuq is-sit, waqt il-fieldwork, għandna nippruvaw nempatizzaw, jiġifieri npoġġu lilna nfusna minflok in-nies li kienu jgħixu hawn fil-passat. Nimmaġinaw il-ħajja mingħajr il-kumditajiet tal-lum, bla karozzi, bla mezzi ta' komunikazzjoni bħat-telefon u l-Internet, eċċ..<br>Nippruvaw nempatizza ma' nies ta' livelli soċjali differenti, kemm dawk sinjuri, kif ukoll dawk foqra; nimmaġinaw f'dak iż-żmien x'kienu l-biżgħat prinċipali tagħhom, eż. il-biża' mill-pirati u li jispiċċaw skjavi f'postijiet 'il bogħod minn Malta.<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Il-Ħajja fl-Imdina fl-Imgħoddi***<br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 5)** ***Il-Ħajja fil-Birgu Ħafna Snin Ilu*** |

| | | |
|---|---|---|
| S5.1.5 | L-importanza tal-bliet il-qodma fil-passat meta nqabbluha mal-preżent | Nifhmu kif l-istorja hija l-memorja tagħna bħala nazzjon. Meta nitkellmu dwar il-ġrajjiet li ffurmaw l-istorja tal-Gżejjer tagħna, speċjalment sakemm inbniet il-Belt Valletta, l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella kienu importanti ħafna għat-tmexxija tal-gżejjer, għas-sigurtà tal-popolazzjoni u kienu wkoll ċentri ta' kummerċ. Illum, il-bliet il-qodma huma parti importanti mill-identità tagħna bħala poplu, u huma wkoll attrazzjoni kbira għat-turisti. Norbtu ma' Ġ5.1.1 li tittratta dwar l-importanza li għandu t-turiżmu għal pajjiżna. Biex nagħmlu dan il-punt nistgħu nfittxu stampi ta' turisti qegħdin jaraw is-siti tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella. Minħabba l-importanza tagħhom, kemm fil-passat kif ukoll illum, nifhmu l-bżonn tar-restawr biex il-bliet il-qodma nżommuhom f'kundizzjoni tajba. |
| | | |

**S5.2 Mit-Tempji Preistoriċi għall-Katidrali**

**MIRI TA' TAGĦLIM**: *Nesploraw il-postijiet użati għall-qima mill-Maltin mill-Preistorja sal-ġurnata tal-lum*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| S5.2.1 | Naraw kif il-bniedem minn dejjem kellu xi forma ta' twemmin; insibu eżempji tat-tipi prinċipali ta' postijiet ta' qima mibnija jew imħaffra taħt l-art mill-Maltin mill-Preistorja sal-lum | Naraw il-vidjow **MIT-TEMPJI GĦALL-KATIDRALI**: http://youtu.be/YgjQWIjW0fY<br><br>Nifhmu kif il-bniedem minn dejjem kellu xi forma ta' twemmin jew ieħor. Dan ma jgħoddx għal Malta biss imma jgħodd għal kull pajjiż. Nesploraw l-evidenza ta' twemmin li sibna fil-Gżejjer Maltin. Nistgħu nsemmu:<br>• **it-tempji megalitiċi**, eż. Ħaġar Qim, L-Imnajdra, Ħal Tarxien, il-Ġgantija u l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni – kienu jagħtu qima lill-allat tagħhom u joffrulhom annimali bħala sagrifiċċju<br>• **il-katakombi**: eż. ta' San Pawl u Sant Agata (Rabat), Ħal Resqun (Gudja) u Tal-Mintna (Mqabba) – oqbra ta' Żmien il-Ħakma Rumana li ġew użati anke mill-Insara; il-katakombi ġew imħaffrin taħt l-art u fihom kienu mhux biss jidfnu lill-mejtin tagħhom imma anke ġie li jagħmlu ċerimonji reliġjużi b'tifira tal-mejtin tagħhom<br>• **kappelli fil-kampanja** – eż. bosta kappelli żgħar illum bilkemm għadhom jidhru għaliex waqgħu, oħrajn kienu ikbar, bħal pereżempju San Girgor fiż-Żejtun, Ħal Millieri fiż-Żurrieq u Bir Miftuħ fil-Gudja; naraw kif anke fuq Kemmuna hemm kappella. F'dawn il-knejjes żgħar (kappelli) beda jsir il-quddies u anke organizzati l-festi lill-Madonna u l-qaddisin<br>• **knejjes kbar** – insibuhom f'kull belt jew raħal f'Malta u Għawdex<br>• **iż-żewġ katidrali** – dak tal-Imdina iddedikat lil San Pawl, u dak taċ-Ċittadella iddedikat lil Santa Marija<br>X'juruna dawn il-fdalijiet u s-siti li semmejna? Ninnutaw li l-ikbar ammont huma dawk li għandhom x'jaqsmu mar-Reliġjon Nisranija. Nifhmu li Malta mhux minn dejjem kienet Nisranija. Kif nafuh dan? |
| S5.2.2 | Inpoġġu postijiet ta' qima fl-ordni skont kif kienu | Waqt li nitgħallmu npoġġu f'ordni kronoloġiku l-postijiet ta' qima użati tul is-snin, ninnutaw il-progress li għamel il-bniedem: |

| | | |
|---|---|---|
| | jintużaw fiż-żmien (ordni kronoloġiku) | (a) it-tempji preistoriċi<br>(b) il-katakombi użati mill-Insara<br>(c) il-kappelli fil-kampanja<br>(d) il-parroċċi moderni u ż-żewġ katidrali |
| S5.2.3 | Ninnutaw bidliet u kontinwità fil-postijiet ta' qima | Xi punti nistgħu noħorġu għad-diskussjoni:<br>• Fil-preistorja kien hemm il-qima lil diversi allat (ħafna minnhom allat femminili); illum l-istatwi li nagħmlu jirrappreżentaw l-iktar lill-qaddisin.<br>• Tas-Silġ Marsaxlokk kienet tingħata qima lill-allat pagani, illum nagħtu qima lill-qaddisin<br>• Insibu ritratt tal-fdalijiet ta' tempju megalitiku. Ninnutaw li hawn intużat dejjem il-ġebla tal-franka.<br>• Insibu ritratt ta' xi kappella antika – ninnutaw kif anke hawn, il-materjal li jintuża l-iktar huwa l-ġebla tal-franka.<br>• Biex insaqqfu knejjes u kappelli nużaw l-iktar il-ħnejja. X'inhi ħnejja? Ġie li ntużaw ukoll it-travi tal-injam u x-xorok.<br>• Illum għandna knejjes fejn jintuża ħafna l-konkrit – eż. tal-Fgura, Sta Tereża Birkirkara |
| S5.2.4 | Nidentifikaw post ta' qima li għadu wieqaf illum; nagħmlu riċerka storika dwaru | Tista' ssir riċerka ħafifa dwar il-knisja prinċipali tal-belt jew raħal tagħna. Ma nillimitawx ruħna għall-knejjes parrokkjali biss. Inħallu lill-istudenti liberi li jagħżlu anke xi kappella li jkollhom biżżejjed materjal biex jiktbu dwarha. Naħsbu fuq is-sagrifiċċji li saru biex inbnew dawn il-postijiet ta' qima u l-importanza li nikkonservawhom u fejn hemm bżonn nirrestawrawhom.<br>Inħajru lit-tfal jagħtu kas l-ornamenti, eż. l-koppla u l-kampnar f'kull knisja, l-ornamenti fil-kappelli, l-istatwi mal-faċċata eċċ. X'juruna dawn l-ornamenti?<br>N.B. Tista' ssir riċerka dwar il-Moskea ta' Raħal Ġdid minn min ikun jixtieq jagħmel dan. |
| S5.2.5 | Nidentifikaw modi kif nistgħu nikkonservaw u fejn hemm bżonn nirrestawraw il-postijiet ta' qima | Inqabblu ritratti ta' postijiet ta' qima li semmejna qabel u wara xi restawr li jkun sarilhom, eż. Sta Katarina fil-Belt Valletta, il-knisja tal-Vitorja, jew xi post ieħor.<br>Kif isir ir-restawr? Ġebla mmermra tinqala' u titpoġġa oħra minflokha<br>Ir-restawr iqum ħafna flus<br>Illum is-sengħa tar-restawr qiegħda toffri ħafna opportunitajiet ta' xogħol liż-żgħażagħ tagħna. |

**S5.3 Mill-Għerien għall-iSkyscrapers**

**MIRI TA' TAGĦLIM**: *Nifhmu kif l-iżvilupp li sar fil-postijiet fejn il-bniedem fittex kenn matul iż-żmien juri l-progress li kapaċi jagħmel l-istess bniedem*

| kodiċi | ħiliet | suġġerimenti għall-akkwist tal-ħiliet |
|---|---|---|
| S5.3.1 | Nirriċerkaw dwar il-progress li sar fid-djar | • **vidjow** – Naraw il-vidjow dwar id-djar f'Malta u madwar id-dinja: http://youtu.be/ltVB7v6Axvg |

| | | |
|---|---|---|
| | matul iż-żminijiet u nifhmu li d-djar m'humiex kollha l-istess madwar id-dinja | • **diskussjoni** – Noħorġu prinċipalment żewġ punti: (a) id-djar huma differenti f'pajjiżi differenti (b) sar progress kbir fil-bini tad-djar<br>• **progress** – nagħmlu riċerka u nsibu evidenza li turi kif il-bniedem għamel żvilupp fil-postijiet ta' abitazzjoni. Eż. mill-għerien bħal Għar Dalam u l-Għar il-Kbir, u l-għerejjex mibnija biz-zkuk ta' Skorba, għaddejna għal xi kamra mibnija bl-injam, id-djar tal-ġebel mhux raffinat, djar b'sular wieħed u d-djar tal-lum.<br>• **diskussjoni** – għaliex id-djar m'humiex kollha l-istess madwar id-dinja? Xi punti: (a) min hu sinjur jibni dar iktar komda (b) fejn jinżel ħafna silġ id-djar ikollhom is-saqaf ġej għall-ponta (c) pajjiżi li għandhom ħafna foresti jużaw iktar l-injam, eċċ..<br>• **nimmaġinaw** – kif fi djar differenti, il-ħajja li ngħixu tkun differenti wkoll, eż. fi flat ma nistgħux nilgħabu logħob storbjuż għax indejqu lill-ġirien<br><br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 3*) Id-Djar Matul iż-Żmien*** <br>• **(RLO) logħba interattiva – (Social Studies Year 3) *Id-Djar Madwar id-Dinja*** |
| S5.3.2 | Nirriċerkaw dwar postijiet ta' kenn oħrajn minbarra d-djar | Naraw il-vidjow: **MILL-GĦERIEN GĦALL-ISKYSCRAPERS**: http://youtu.be/jsIomhQXJHg<br>Hawnhekk importanti ħafna li nħajru lill-istudenti biex josservaw l-ambjent ta' madwarhom. Riċerka bħal din tista' ssir diversi modi. Xi eżempji:<br>(a) meta noħorġu nhar ta' Ħadd nieħdu ritratti ta' għerien, giren u rziezet li nistgħu niltaqgħu magħhom<br>(b) infittxu stampi ta' postijiet ta' abitazzjoni antiki u moderni<br>(c) nistaqsu persuni anzjani dwar il-postijiet ta' abitazzjoni li jiftakru huma<br><br>Xi eżempji li żgur nistgħu nosservaw:<br>• **għerien** – insemmu Għar Dalam u l-Għar il-Kbir, nimmaġinaw kif setgħet kienet il-ħajja fl-għerien<br>• **il-girna/giren** – għadhom jidhru sal-lum fin-naħat tat-Tramuntana ta' Malta, l-iktar għall-bhejjem u għall-għodda tal-bdiewa<br>• **ir-razzett** – fil-passat użat l-iktar mill-bdiewa, illum nikkonvertuhom f'postijiet komdi ta' abitazzjoni (*coverted farmhouses*)<br>• **djar normali** – ta' kull tip, imxerrdin mal-bliet u l-irħula kollha<br>• **qasam ta' djar** – housing estate<br>• **flettijiet** – joqogħdu ħafna nies fi ftit spazju ta' art; il-flett ta' fuq nett jissejjaħ *penthouse*<br>• **vilel** – assoċjati ma' min huwa iżjed sinjur<br>• ***skyscrapers*** – bdejna nibnuhom meta żviluppajna makkinarju aħjar |

| | | |
|---|---|---|
| | | Tista' ssir xi intervista ma' persuna anzjana dwar il-kumditajiet jew nuqqas ta' kumditajiet li kellhom meta kienu żgħar.<br>N.B. *Nevitaw xi tagħlim bl-amment; il-metodu għandu jkun dak ibbażat fuq l-osservazzjoni tal-ambjent ta' madwarna u r-riċerka ta' stampi u filmati mill-passat* |
| S5.3.3 | Inqabblu l-metodi li bihom kienu jinbnew id-djar Maltin fil-passat mal-metodi li jintużaw illum | Nuru stampa ta' kif x'aktarx kienu jġorru l-ġebel kbir megalitiku. Nuruhom ukoll stampa ta' krejn. Inqabblu l-mod kif kienu jġorru ġebel kbir fil-preistorja mal-lum; Ħaġar Qim u Ħal Tarxien sibna boċċi tal-ġebel li juruna kif kienu jmexxu ħaġar kbir megalitiku. Inqabbluh mal-krejnijiet tal-lum. Il-metodi nbidlu.<br>Insemmu iktar metodi li naraw jintużaw illum u li juru progress, eż. dari sular wieħed, illum nibnu l-i*skyscrapers* |
| S5.3.4 | Nesploraw xi materjal li llum nużaw fil-bini tad-djar tagħna | Induru dawra mal-iskola stess b'karta u lapes f'idejna u nagħmlu lista tal-materjal kollu li ninnutaw li ġie użat fil-bini tal-iskola stess.<br>Lura fil-klassi, niddiskutu u niktbu xi ħaġa elementari fuq kull materjal li sibna:<br>• **il-franka** – tip ta' ġebla 'ratba' li tinħadem malajr. Naqtgħuha mill-barrieri tal-ġebel.<br>• **il-konkos** – kif isir? Taħlita ta' żrar, ramel u siment. Iż-żrar u r-ramel neħduh mill-barrieri, is-siment inġibuh minn barra; fis-soqfa tal-konkrit nitfgħu ukoll il-ħadid; żvantaġġ: il-ħadid jista' jsaddad<br>• **l-injam** – m'għandniex foresti Malta, allura l-injam kollu rridu nġibuh minn barra; żvantaġġi: l-injam jista' jsewwwes, trid tiżbgħu sikwit<br>• **l-aluminju** – kollu nġibuh minn barra; vantaġġ: ma niżbgħuhx, nimsħuh biss<br>• **il-ħġieġ** – inġibuh minn barra; jagħti ħafna dawl, jista' jweġġa' lit-tfal<br>• **il-madum** – taħlita ta' siment, ramel u biċċiet tal-irħam; jgħinna nżommu l-indafa. Illum jintuża ħafna madum taċ-ċeramika. |